MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 421/2012

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) (Ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. ON 1' Dok. A).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal cioe` N u O B, li llum il-gurnata ghandhom erbatax (14)-il sena u tnax (12)-il sena rispettivament (Ara certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. ON 2' u 'Dok. ON3') ;

3. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti stante :

i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk *de* facto separati, sa minn Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), filwaqt li ilhom legalment separati sa mid-dsatax (19) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) in forza ta’ kuntratt redatt min-Nutar Elena Farrugia (Ara l-kuntratt ta’ Separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. ON 4’);
ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohra ;
iii. Illi ai termini tal-klawsola numru erbgha (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni datat 19 ta’ Dicembru 2008 (« Dok. ON 4’), il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment mhu dovut f’dan ir-rigward;
iv. Illi *ai termini* tal-klawzola numru ‘5(a)’ tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni (‘Dok.ON 4’), l-esponenti obbliga ruhu illi jhallas l-ammont mensili ta’ tliet mija u hamsin ewro (€350) bhala manteniment ghal uliedu l-minuri, liema obbligu qieghed jigi mwettaq minnu b’mod regolari ;

4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. ON 5’.
5. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma dominciljati f’Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f’Malta ;

Talab in vista tas-suespost l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta :

1. Tippronunzja l-hall ta’ zwieg li gie celebrat mill-partijiet fid-29 ta’ Dicembru, 1995;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghCqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.
Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;
Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awissu 2007 u legalment separati mid-19 ta' Dicembru 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut minnu;

GhCqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------